MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 157/2006

**Kawża Nru: 23**

**Rikors Ġuramentat Nru: 157/06 JA.**

**A**

**-vs-**

**B et noe**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-10 ta’ Mejju, 2006 li permezz tiegħu l-attur espona bir-rispett:

1. Illi r-rikorrenti u l-intimata B żżewġu fit-23 ta’ Ġunju, 2001;

2. Illi f'Mejju 2005 ir-rikorrent telaq mid-dar matrimonjali u fl-ebda mument ma reġa' irritorna lejn id-dar matrimonjali, u għalhekk hu u l-intimata B ilhom separati de facto tul dan il-perjodu kollu;

3. Illi permezz ta' kuntratt ta' l-10 ta' Ottubru, 2005 fl-atti tan-Nutar John Spiteri l-kontendenti sseparaw legalment (Dok. "KB1");

4. Illi fid-9 ta' April, 2006 ġewwa l-isptar San Luqa, l-intimata welldet tarbija tifla u semmietha C u dan skond kif jirriżulta mill-anness ċertifikat tat-twelid numru 1254/06 illi fih ir-rikorrent ġie mniżżel bħala l-missier ta' l-imsemmija tifla minuri (Dok. "KB2");

5. Illi mid-data tas-separazzjoni tagħhom fuq imsemmija l-kontendenti konjuġi A u B baqgħu sseparati minn xulxin u qatt ma għammru flimkien aktar u ċertament ma kellhomx rapporti intimi bejniethom;

6. Illi l-intimata kellha relazzjoni ma' irġiel oħra fost oħrajn ċertu D li x'aktarx hu l-missier naturali tat-tarbija;

7. Illi għaldaqstant l-imsemmija tifla minuri C E ma hijiex il-wild naturali u bijoloġiku tar-rikorrenti.

Għaldaqstant ir-rikorrent jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex għar-raġunijiet fuq premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-imsemmija minuri C ma hijiex il-wild bijoloġiku u naturali tar-rikorrent A u konsegwentement;

2. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jinserixxi l-korrezzjonijiet kollha neċessarji fl-att tat-twelid relattiv ta' l-imsemmija minuri C bin-numru ta' reġistrazzjoni 1254/06 billi jiġu kkanċellati minn kull fejn jinsabu mniżżla fl-istess att tat-twelid, il-konnotati kollha tar-rikorrenti A u l-istess jiġu sostitwiti b'dak it-tagħrif illi jiġi ordnat minn dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fl-24 ta’ Mejju, 2006 li permezz tagħha l-konvenuta B esponiet bir-rispett:

Illi hija ġiet notifikata bir-rikors ġuramentat odjern fejn ir-rikorrenti qed jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex għar-raġunijiet premessi tiddeċiedi A m’huwiex il-missier bijoloġiku u naturali tal-minuri C u sabiex tordna lid-Direttur tar-Reġistrub Pubbliku sabiex jinserixxi korrezzjonijiet kollha neċessarji fl-att ta’ twelid ta’ l-imsemmija minuri;

Illi l-esponenti ppreżentat rikors ġuramentat numru 154/06 b’talbiet identiċi u simili fuq l-istess kwistjoni nhar il-5 ta’ Mejju, 2006, u cioe’ ħamest ijiem qabel ir-rikorrenti ppreżenta rikors odjern fl-10 ta’ Mejju, 2006;

Illi kontestwalment ma’ din ir-risposta l-esponenti qed tippreżenta rikors fejn qed titlob li ż-żewġ kawżi jiġu konnessi stante li t-tnejn li huma jirrigwardaw preċiżament l-istess mertu;

Illi fil-mertu l-esponenti tikkonferma li fil-fatt it-tarbija C m’hijiex il-wild naturali u bijoloġiku tar-rikorrenti minħabba li kienet separata de facto minn miegħu minn Mejju 2005 qabel is-separazzjoni legali.

Illi fuq il-kap ta’ l-ispejjeż illi in vista tal-fatt li r-rikorrenti kien il-persuna li telaq mid-dar konjugali kif jikkonferma hu stess fir-rikors ġuramentat u li ċ-ċirkostanzi tal-każ huma kollha riżultat ta’ l-aġir tiegħu u in vista tal-fatt li r-rikorrenti ppreżentat rikors hekk kif diġa’ imsemmi fuq l-istess mertu u li diġa’ daħlet għall-ispejjeż fuq dak ir-rikors, l-esponenti umilment tiddikjara li m’hijiex responsabbli għal dawn l-ispejjeż tar-rikors.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fit-22 ta’ Ġunju, 2006 li permezz tagħha d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku espona bir-rispett u bil-ġurament tiegħu kkonferma:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fiċ-ċitazzjoni u għalhekk jirrimetti ruħu għall-provi dwar it-talbiet, inkluż dawk it-testijiet xjentifiċi neċessarji, għal ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi jeħtieġ illi r-rikorrent jipprova l-impossibilta’ fiżika bejnu u bejn B.

3. Illi l-attur għandu jispeċifika jekk hux qed jitlob illi taħt il-kolonna li tindika t-tagħrif dwar il-missier tat-tarbija fl-Att tat-Twelid jitniżżilx id-dettal “*missier mhux magħruf*” jew id-dettalji ta’ l-allegat missier naturali biex jekk it-talbiet attriċi jintlaqgħu dawn ikunu jistgħu jiġu inseriti fl-Att in kwistjoni.

4. Illi għandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artiklu 254 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

5. Illi fi kwalunkwe każ it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid m’huwiex attribwibbli għal xi nuqqas ta’ l-esponent li għaldaqstant m’għandux jiġi soġġett għall-ispejjeż ta’ l-istanti.

6. Salv eċċezzjonijiet oħra.

Għaldaqstant, l-esponent jirrimetti ruħu għall-provi dwar il-mertu għal ġudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti; bl-ispejjeż.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat is-sentenza tagħha fil-kawża fl-ismijiet inversi mogħtija fil-5 ta’ Ottubru, 2007.

Rat l-atti proċesswali kompriża n-nota ta’ ċessjoni ta’ l-attur fir-rigward tal-mertu (u żamm ferm fuq il-kap ta’ l-ispejjeż) u l-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Ottubru, 2007 li

permezz tagħhom il-kawża tħalliet għas-sentenza appuntu fuq dak il-kap.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jipproponi l-azzjoni ta’ denagata paternita’ fil-konfront ma’ martu l-konvenuta B li minnha huwa separat peress li din welldet it-tarbija indikata fiċ-ċitazzjoni. Fil-mori tal-kawża ġiet deċiża l-kawża kienet istitwiet il-konvenuta f’dan ir-rigward u din ġiet deċiża favorevolment. Allura l-attur ma baqalux interess fil-kawża fir-rigward tal-mertu iżda qed jitlob kundanna tal-konvenuta dwar il-kap ta’ l-ispejjeż peress li hu kien kostrett jiftaħ il-kawża odjerna billi kien marbut bit-terminu ta’ sitt xhur mill-Kodiċi Ċivili.

**Il-Qorti jidhrilha li l-attur għandu raġun u ma kienx tort tiegħu li kellu jiftaħ il-kawża u għaldaqstant fil-waqt li tastjeni tieħu konjizzjoni tat-talbiet dwar il-mertu stante ċ-ċessjoni, tikkundanna lill-konvenuta B biex tħallas l-ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------